**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs.**

**Ivan Bajada**
**Clare Borg**

Numru 1272/2007

Illum 11 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Ivan Bajada**, ta' tnejn u tletin (32) sena, imwieled San Giljan fis-26 ta' Awwissu 1975, iben Ronald u Maria Gratia neé Gallo, residenti No. 65/3, Tower Road, Sliema detentur taL-Karta ta' l-Identita' 381275(M)

u

**Clare Borg**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, imwielda fl-10 ta' Mejju 1979, ir-Renju Unit, bint Paul u Linda neé Pearson, residenti No. 2 Sliema Road, Gzira, detentrici tal-Karta tal-Identita' 376997(M)

akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Ottubru 2007 u matul l-ahhar granet ta' qabel din id-data:

1. assocjaw ruhom sabiex jittraffikaw, jew ibieghu d-droga eroina u/jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni;

2. fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw id-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 Ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellhom licenzja jew xorta ohra awtorizzati li jimmanufatturaw jew ifornu d-droga msemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 Ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod

iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghal-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom;

**<u>LIL CLARE BORG wahidha talli</u>**:

4. fil-5 ta' Ottubru 2007 ingurjat, jew heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wahda/wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien/u jaghmel/u jew minhabba li kien/u qed ghamel/u dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza' jew li tinfluwixxi fuqu/fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

**<u>LIL CLARE BORG u LIL IVAN BAJADA talli</u>**:

5. saru recidivi fit-termini ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lil Ivan Bajada u Clare Borg jew ikunu proprjeta' tieghu u taghha u sabiex tipprojbixxi l-istess imputati Ivan Bajada u Clare Borg milli jittrasferixxu, jaghtu b'rahan jew xort'ohra jiddisponu minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tappunta espert biex jaghmel inventarju tal-proprjeta' kollha mobbli jew immobbli, li huma konnessi ma' l-imsemmijin Ivan Bajada u Clare Borg.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, f'kaz ta' htija, tordna lill-imputati sabiex ihallsu lir-Registratur ta l-ispejjez kollha jew parti minnhom

li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-Process Verbal ta' l-Inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhalma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni *ai termini* tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 10) datat 6 ta' Ottubru 2007 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputat Ivan Bajada sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 11) datat 6 ta' Ottubru 2007 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputata Clare Borg sabiex titressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex twiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 1048/2007 (*a fol.* 33 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti liema Process Verbal jirrigwarda sejba ta' sustanza allegatament eroina fil-fond numru 50, Triq Aticia, Hamrun nhar il-5 ta' Ottubru 2007.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 566a) datat 19 ta' Lulju 2010 *ai termini* ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputat Ivan Bajada sabiex jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 566b) datat 19 ta' Lulju 2010 *ai termini* ta' Artikoli 22(2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz

taghha baghat lill-imputata Clare Borg sabiex titressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex twiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2014, il-Qorti kif diversament preseduta semghet id-depozizzjoni tal-imputat Ivan Bajada moghtija minnu minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 616 *et seq.)*.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 658 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tal-4 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 676) u tas-7 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 677), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016, id-depozizzjoni tal-imputat Ivan Bajada moghtija minnu minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 679 *et seq.)* u dana wara li, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 677), id-difiza talbet li l-imputat jerga' jixhed minkejja li kien diga xehed quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, id-depozizzjoni tal-imputata Clare Borg moghtija minnha minn jeddha u b'mod volontarju (*a fol.* 689 *et seq.)*.

Semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Frar 2019, lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz (*a fol.* 728).

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Frar 2019, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex sottomissjonijiet x'taghmel f'dan il-kaz u li kienet ser tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali (*a fol.* 728).

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2019, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tad-difiza (*a fol.* 731 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2007, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Norbert Ciappara** (*a fol.* 52 *et seq.*) fejn spjega li fid-29 ta' Settembru 2007 kien *duty officer* id-*Drug Squad* u rcieva informazzjoni li l-imputati kienu qed jirritornaw lura Malta mit-Turkija u seta' kellhom xi droga fuqhom. Spjega li baghat membri tad-*Drug Squad* l-ajruport sabiex iwaqqfu liz-zewg imputati u li t-tfittxija li saret fuqhom irrizultat fin-negattiv. Jghid li anke minn *x-ray* irrizulta li z-zewg imputati ma kienux qed igorru droga mohbija gol-persuna taghhom. Jixhed li fil-5 ta' Ottubru 2007 gie nfurmat li z-zewg imputati kellhom xi droga fuqhom u b'hekk hu nkariga lil PC 10 Trevor Cassar Mallia sabiex isegwi l-movimenti taghhom. Spjega x'inghad lilu minn PC 10 Trevor Cassar Mallia u jixhed fuq il-fatt li z-zewg imputati gew arrestati flimkien ma' Alan Brown u Eusebio Busuttil wara li gie sfrundat bieb. Jghid x'instab minn tfittxija li saret fir-residenza fejn gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa li ordna li tinfetah Inkjesta Magisterjali. Jghid li hu (Ciappara) ha stqarrija minn ghand Eusebio Busutil u miz-zewg imputati. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "CB" (stqarrija ta' Clare Borg – *a fol.* 60), Dok. "IB" (stqarrija ta' Ivan Bajada – *a fol.* 61 *et seq.*), somma ta' Lm2612 li gew elevati mill-basket ta' Clare Borg (Dok. "CB 1"), ircevuta (Dok. "CB 2" – *a fol.* 63), somma ta' Lm360 li gew elevati minn fuq Ivan Bajada (Dok. "IB 1"), ircevuta (Dok. "IB 2" – *a fol.* 64), zewg passaporti (Dok. "IB 3" u Dok. "CB 3 – *a fol.* 65), *mobile* Nokia bis-*simcard* tal-Go Mobile, zewg *lighters* u cwievet (Dok. "IB 4").

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li t-tfittxija fir-residenza ma saritx fil-prezenza taz-zewg imputati pero' saret fil-prezenza ta' Eusebio Busuttil u li meta saret is-sejba tal-allegata sustanza l-imputati ma

kienux hemm. Ikkonferma li l-imputata Clare Borg giet mitkellma fil-hin indikat fl-istqarrija taghha u mhux qabel u li l-ewwel darba li saritilha riferenza ghas-sejba fit-tfittxija kien proprju waqt l-istqarrija. Jghid: *"Nixtieq inzid illi jiena meta bdejt inkellem lil Clare Borg, hija mill-ewwel ghazlet li ma twegibx u allura kelli mmur ghall-istqarrija. Kien id-dritt taghha u ma stajtx nisfurzaha"* (*a fol.* 59).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2007, xehed ukoll ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 66 *et seq.*) fejn spjega li fil-5 ta' Ottubru 2007 gie mghoddi sitt dokumenti minn PS 46. Spjega li ghamel l-analizi fuqhom u spjega x'irrizultalu. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol. 69 et seq.*) fejn ikkonkluda s-segwenti:

(a) *"Illi fuq swabs mehuda mill-imqass, mill-imgharfa, u mill-plastic ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 602_07_02 instabet is-sustanza <u>Eroina</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(b) *Illi fuq swabs mehuda mill-imgharfa u mill-foil li kien hemm fid-dokument 602_07_03 instabet is-sustanza <u>Eroina</u>. Din is-sustanza hija kontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(c) *Illi fuq estratti mehuda mis-siringi li hemm fid-dokument 602_07_03 instabet is-sustanza <u>Kokaina</u>. Wahda mis-siringi kien fiha d-demm u f'din is-siringa nstabet ukoll is-sustanza Eroina. Din is-sustanza hija kontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(d) *Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 602_07_03 instabet is-sustanza <u>Eroina</u>. Il-piz tat-trab kien ta' <u>1.96 grammi</u> u l-purita' kienet ta' cirka <u>36%</u>. Din is-sustanza hija kontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(e) *Illi fuq swab mehuda mis-sikkina li hemm fid-dokument 602_07_04 instabet is-sustanza Eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(f) *Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 602_07_05 instabet is-sustanza Eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 198.60 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 36%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(g) *Illi fuq swab mehuda mil-mizien li hemm fid-dokument 602_07_05 instabu s-sustanzi Eroina u Kokaina. Il-mizien huwa fi stat tajba u jahdem. L-Eroina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kokaina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(h) *Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 602_07_06 instabet is-sustanza Eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(i) *Illi kien hemm mechanical fit bejn ir-romblu tal-aluminium foil li hemm fid-dokument 602_07_02 u l-bicciet tal-aluminium foil li hemm fid-dokument 602_07_03. Kien hemm ukoll mechanical fit bejn ir-romblu tal-aluminium foil u z-zewg bicciet tal-aluminium foil li fihom ticpis ta' lewn kannella u li kien hemm fid-dokument 602_07_03.*

(j) *Illi kien hemm mechanical fit bejn il-plastik ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 602_07_05 u z-zewg bicciet tal-plastik li kien hemm fid-dokument 602_07_02".*

**Ix-Xjenzat Godwin Sammut** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2008 (*a fol.* 281A *et seq.*) fejn spjega li gie nominat biex jaghti l-valur tad-droga. Jghid li f'dan il-kaz kien hemm id-

droga eroina, li l-piz kien ta' 200.56 grammi u li bhala valur il-*minimum* huwa dak ta' €9626.88 u bhala *maximum* huwa dak ta' €14,841.44. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS 1" (*a fol.* 277 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2007, xehed ukoll **PC 10 Trevor Cassar Mallia** (*a fol.* 129 *et seq.*) fejn spjega li fil-5 ta' Ottubru 2007 ghall-habta tal-10.00am segwa l-istruzzjonijiet moghtija mill-iSpettur Norbert Ciappara u b'hekk mar fl-inhawi ta' Paceville jfittex vettura li giet mikrija lill-imputati, liema vettura sabha u waqt li kien qed idur fl-akwati ra lil Eusebio Busuttil ghaddej bil-mixi. Jghid li xi hin wara ra liz-zewg imputati fil-vettura, fejn filwaqt li l-imputat beda jsuq u l-imputata kienet ma genbu, Alan Brown kien wara l-imputat u Eusebio Busuttil kien wara l-imputata. Jghid li segwihom, fejn l-imputata nizlet fi Triq l-Ifran, fil-Belt Valletta u li l-imputat dar ghal Triq Zekka, fejn baqa' jistenna u minn fejn l-imputat rega' gabar lill-imputata u saqu lejn il-Hamrun. Jghid li qabel ma waslu vicin lejn il-knisja ta' San Gejtanu, nizel Eusebio Busuttil mill-vettura u rega' tela' u telghu t-telgha kantuniera mal-knisja ta' San Gejtanu. Jghid li minn hemm hadu *over* membri ohra tal-Pulizija.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2007, xehed ukoll **PS 1174 Adrian Sciberras** (*a fol.* 131 *et seq.*) fejn spjega li fil-5 ta' Ottubru 2007 flimkien ma' PC 213 ghamel tfittxija gewwa 50, Triq Atocia, Hamrun. Jixhed li hekk kif wasal hu gor-residenza kienu qed jinhargu z-zewg imputati, Alan Brown u Eusebio Busuttil. Jghid li meta gie stabbilit li Eusebio Busuttil huwa sid ir-residenza saret tfittxija bih prezenti. Spjega li minn fuq il-mejda tal-kcina gew elevati diversi affarijiet relatati mad-droga. Jghid: *"Fuq il-mejda tal-kcina kien hemm qisu bicca minn pakkett kulur kannella, bicctejn terga' pakketti tat-tape kannella bi tracci bi trab kannella wkoll. Maghhom mat-tape kien hemm kuccarina u anke imqass. Fuq l-istess mejda vicin it-tape kien hemm strap tat-tobba ta' kulur ahdar. Imbaghad fuq il-bank tal-kcina kien hemm hemm tliet pakketti zghar mimlijin bi trab kannella, il-kantunieri tal-boroz tal-plastik bi trab kannella go fihom maghluqin b'ghoqda. Kien hemm tlieta minnhom. Kien hemm mgharfa mahruqa bi tracci go fiha. Kien hemm siringa miftuha mill-karta, jekk hix uzata jew le ma nafx ghax kienet imnizzla kollha pero' ma deherx li kien hemm tracci*

*fiha. […] U kien hemm bicciet tal-foil, kien hemm pakkett boroz trasparenti u diversi boroz bil-kantunieri maqtughin. Kien hemm anke pipe tal-foil fuq l-istess bank"* (*a fol.* 132). Jghid li kien hemm ukoll *handbag* li fih instabet borza tal-karti, ammont kbir ta' flus u kif ukoll il-passaporti taz-zewg imputati. Jghid li x'hin instab il-baskett, iz-zewg imputati kienu ghadhom barra u b'hekk dan intbaghat biex jibqa' mal-imputata peress li assumew li kien taghha.

Jixhed li fuq il-*fridge* kien hemm siringa ohra u mal-art hdejn il-*fridge* kien hemm *pipe* iehor maghmul bil-*foil*. Jispjega li mill-kamra tas-sodda giet elevata sikkina kbira madwar 30cm bi tracci fuq ix-xafra kulur skur u li fil-bitha mal-art kien hemm trab kannella li gie elevat ukoll. Jghid li PC 1319 tela' fuq xi bjut permezz ta' sellum minn gol-bitha fejn jghid x'sab u cioé pakkett ta' kulur kannella bi trab go fih ta' kulur kannella u ftit il-boghod minnu kien hemm mizien. Jghid li l-pakkett li sab PC 1319 kien l-istess tip ta' dawk il-bicciet li kienu nstabu fuq il-mejda tal-kcina, *"l-istess materjal, l-istess kulur u l-istess kollox"* (*a fol.* 133). Jghid li meta tela' hu (PS 1174) ikkonferma dan kollu b'ghajnejh stess. Jghid li dawn gew elevati mis-SOCOS, dejjem fil-prezenza ta' Eusebio Busuttil. Jghid li meta Eusebio Busittil staqsiehom x'kien hemm u qalulu x'kien hemm, hu mal-ewwel qalilhom: *"dak ta' Ivan Bajada, dak kien hawnhekk, iltqajna barra mieghu biex nixtri ftit"* (*a fol.* 133). Jghid x'qalilhom aktar Busuttil.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2007, xehed ukoll **PC 1319 Matthew Xuereb** (*a fol.* 135 *et seq.*) fejn spjega li fil-5 ta' Ottubru 2007 kien prezenti waqt tfittxija li saret fuq il-bejt tar-residenza 50, St. Joseph, Triq Atocia, Hamrun fejn fuq il-bejt ta' xi girien instab *envelope* b'*tape* kannella mimli trab kannella suspettat eroina. Jghid li minn dan it-trab kien hemm ukoll ftit ma' l-art fuq il-bejt u ftit boghod minnu kien hemm mizien elettroniku ta' kulur blu.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2007, xehdet ukoll **WPC 127 Carmen Gauci** (*a fol.* 137 *et seq.*) fejn spjegat li fil-5 ta' Ottubru 2007 saret *raid* gewwa 50, Triq Atocia, fil-Hamrun minn liema residenza hargu Eusebio Busuttil (li tghid li hu sid ir-residenza), Alan Brown, u l-imputati. Tghid li hija ma dahlitx gewwa pero' tispjega li meta

marru d-Depot saret tfittxija fil-basket tal-imputata, minn liema gew elevati ammont ta' flus li gew mghoddija quddiem l-imputata u l-imputata giet moghtija rcevuta tal-flus li kkonfermat li hija Dok. "CB 2" (*a fol.* 63). Tghid: *"Waqt li dhalna d-Depot kien hemm, waqt li konna ser naghmlu s-search fuq Clare kien hemm argument bejn kuntistabbli 237 u Clare fejn inqalghet problema minhabba l-flus li kien hemm gol-handbag u kien hemm xi theddid fil-konfront tal-Pulizija 237"* (*a fol.* 138). Mistoqsija x'kien dan it-theddid, wiegbet: *"Kienet qaltilha li ha ssibha barra fuq id-diskors li kien qed isir minhabba l-handbag u l-flus li kien hemm fil-handbag"* (*a fol.* 138).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2007, xehed **PC 1525 Patrick Farrugia** (*a fol.* 150 *et seq.*) fejn spjega li gie rikjest mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Giovanni Grixti sabiex jaghmel ezamijiet ghall-impronti digitali fuq diversi dokumenti li gew mghoddija lilu fil-15 ta' Ottubru 2007 mix-Xjenzat Godwin Sammut. Jghid li ghamel l-ezamijiet rikjesti fuq l-oggetti li gew mghoddija lilu minn liema rrizulta li gew zviluppati impronti li ma kienux tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "PF" (*a fol.* 152 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2007, xehed ukoll **Eusebio Busuttil** (*a fol.* 159 *et seq.*) fejn meta gie mistoqsi rigward il-fatt li kien gie nvestigat fil-5 ta' Ottubru 2007 u li gie mressaq il-Qorti, huwa kkonferma li tressaq il-Qorti u li l-kaz tieghu nqata' u li hu ma appellax. Meta mistoqsi jghid min kien hemm fid-dar tieghu dakinhar tal-5 ta' Ottubru 2007 meta l-Pulizija ghamlu *raid* fiha, wiegeb li kien hemm hu, Alan Brown u z-zewg imputati. Jghid li hu u Brown marru biex *"ninqdew b'Lm10"* (*a fol.* 160) eroina minn ghand l-imputat u marru jiltaqghu mieghu gewwa Paceville ghal xi 11.15am. Jghid li marru l-Belt Valletta, l-imputata xtrat minn xi spizjerija, u baqghu d-dar tieghu (ta' Eusebio Busuttil) fil-Hamrun sabiex l-imputat ikun jista' jaghmlilhom il-pakkett ta' Lm10.00 peress li qallu li ma kellux pakketti lesti. Jghid li fid-dar tieghu, l-imputat fetah *envelope* kannella bl-imqass u beda jaghmel gol-boroz. Jghid li ghamel xi erbgha ohra gol-boroz, cempel it-telefon, harget l-imputata, regghet dahlet u habbat il-bieb. Jghid li hu (Eusebio Busuttil) mar wara l-bieb, li jghid li jinghalaq b'erba' serraturi u

b'injama, u beda jistaqsi min kien hemm, dahlu l-Pulizija u sabu *envelope* kannella fuq is-saqaf tal-bitha ta' hdejh. Jghid li dak kien l-*envelope* li kellu l-imputat. Jispjega li Alan Brown inqeda mieghu (ma' Eusebio Busuttil) b'Lm10.00 u jghid li hu ma kellu x'jaqsam xejn mad-droga li nstabet.

| | |
|---|---|
| Prosekuzzjoni: | *"Issa fuq il-mejda u fuq il-bank instabu xi bicca envelope u xi haga."* |
| Xhud: | *"Dak it-top nahseb ta' l-envelope kien."* |
| *[…]* | |
| Qorti: | *"[…] Ghaliex qed tahseb Sur Busuttil?"* |
| Xhud: | *"Ghax rajtu jaqtghu hux."* (*a fol.* 163-164) |

Mistoqsi jghid kemm il-darba nqeda, wiegeb li nqeda darba biss, cioé dakinhar.

F'dan il-mument inqrat lilu l-iStqarrija Guramentata li ghamel hu fil-5 ta' Ottubru 2007 (*a fol.* 43 *et seq.*) li qal li jiftakarha. Huwa kkonferma l-istqarrija li giet rilaxxata minnu (Dok. "NC 1" – *a fol.* 49 *et seq.*) f'liema stqarrija qal li joqghod 50, Triq Atocia, Hamrun. Jghid li joqghod wahdu u li ilu joqghod hemm madwar hames snin. Mistoqsi fir-rigward tas-sustanza suspettata droga eroina li nstabet minn *raid* gewwa d-dar tieghu u sustanza ohra suspettata droga minn fuq bejt li jintlahaq minn gewwa l-bitha jew terrazzin tieghu, jghid li dawn mhux tieghu pero' jghid li mar Paceville biex jiltaqa' ma' Ivan biex jinqeda l-eroina, f'liema hin kien hemm Clare (li jafha b'isimha biss u jaf li hija l-gharusa ta' Ivan) u Brown ma' Ivan, hu (Busuttil) rikeb fil-vettura ta' Ivan u Ivan saq ghall-Belt Valletta peress li Clare marret tixtri xi haga minn hemm u wara marru d-dar tieghu (ta' Busuttil) biex Ivan jaghmillu l-pakketti. Jghid li hekk kif dahlu gewwa, Ivan fetah *envelope* ta' lewn kannella li hargu minn basket ta' kulur kannella u wara li qataghlu l-bicca ta' fuq b'imqass li kellu Ivan stess gewwa dan il-basket, Ivan ghamillu b'Lm10.00 go borza tal-plastik li Ivan hareg minn gewwa dan il-basket kannella li kienet dahlet bih Clare. Jixhed li wara ghamel xi tliet boroz ohra u jispecifika li Ivan beda jizen id-droga fuq mizien elettroniku li Ivan hareg

mill-basket kannella. Jghid li waqt li Ivan kien qed jaqta' d-droga, cempel it-telefon ta' Clare, hi harget il-barra b'wahda mill-boroz iz-zghar li kien qed jaghmel Ivan fuq il-mejda u wara xi hames minuti regghet marret lura minghajr il-borza li kienet harget biha. Jghid li f'dak il-hin hu (Busuttil) kien beda jahraq l-eroina li kien tah Ivan fuq bicca *foil*, f'liema hin xi hadd beda jhabbat mal-bieb, mar wara l-bieb, beda jistaqsi min kien hemm, u hekk kif fetah il-bieb dahlu l-Pulizija u kif dar u hares lejn il-kcina ra l-medja zbarazzata u Ivan, Clare u Brown gewwa l-bitha, f'liema hin il-Pulizija hargu lill-ohrajn barra u bdew jaghmlu tfittxija. Meta saritlu riferenza ghall-fatt li fuq il-medja nstab bicca minn *envelope* bi trab kannella suspettata eroina u xi qratas ohra bl-eroina u jekk dan kienx dak li hu qed jispjega li kellu u kien qed jaghmel Ivan, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi dwar Alan Brown, jghid li dan kien ma' Ivan u ma' Clare. Mistoqsi jghid jekk Alan Brown f'xi hin tkellimx fuq droga, wiegeb fl-affermattiv u jghid li ra lil Alan Brown jinqeda minn ghand Ivan u rah jaghtih (lil Ivan) Lm10.00 u rah jiehu doza li Ivan ghamillu minn gewwa l-*envelope*. Mistoqsi jekk l-*envelope* u l-mizien elettroniku li huwa ra lill-Pulizija jigbru minn fuq il-bejt ta' hdejh humiex l-istess oggetti li huwa ra fuq il-mejda tal-kcina tieghu qabel marru l-Pulizija, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jghid kemm il-darba nqeda minn ghand Ivan, wiegeb li lil Ivan jafu minn wiccu u li xi jumejn qabel l-akkadut Ivan kien il-Hamrun u waqt li staqsieh (Busuttil lil Ivan), Ivan qallu li kellu u kien tah (lil Busuttil) in-numru tat-telefon biex icempillu u meta cempel lil Ivan dakinhar stess tal-akkadut, Ivan qallu biex imur Paceville.

Meta giet moqrija lil Eusebio Busuttil l-iStqarrija Guramentata tieghu huwa kkonferma l-kontenut kollu taghha quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Meta quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, Busuttil gie mistoqsi jghid kif avvicina lil Ivan Bajada biex jixtri d-droga minn ghandu, wiegeb li ghax kellu t-telefon tieghu. Jghid li Ivan Bajada rah il-Hamrun lilu (lil Busuttil) u qallu li jbiegh id-droga u tah in-numru tat-telefon (Bajada lil Busuttil). Jghid li kien hu (Busuttil) li

kien staqsa lil Bajada jekk kienx jaf min seta kellu d-droga u Bajada qallu li hu kellu u l-ghada filghodu Busuttil cempillu u Bajada qallu biex jistennieh Paceville. Jghid li lil Bajada cempillu minn *telephone box* peress li ma kellux *credit*. Mistoqsi jghid jekk qattx kellu xi komunikazzjonijiet qabel maz-zewg imputati, wiegeb: *"Nafhom fejn id-Detox u hekk jigifieri minn wicchom imma qatt ma kellimthom"* (*a fol.* 172).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2007, xehed ukoll **PC 213 Nicolai Borg** (*a fol.* 184 *et seq.*) fejn spjega li fil-5 ta' Ottubru 2007 mar fejn ir-residenza ta' Eusebio Busuttil flimkien ma' membri ohra tad-*Drug Squad* u jghid li sema' lil oht Eusebio Busuttil tghajjat fil-*letter box* li kien hemm il-Pulizija. Jghid li minghajr ma habbat il-bieb, ghajjat "Pulizija" (*a fol.* 185). Jghid li ma sema' lil hadd imma wara li ta zewg daqqiet sew lil bieb, sema' lil xi hadd jghajjat: *"Min?"* (*a fol.* 186). Jghid li faqa' l-bieb u hekk kif dahal gewwa fir-residenza sab lil Eusebio Busuttil, Clare Borg, Ivan Bajada u Alan Brown. Jghid li ghamel tfittxija fir-residenza flimkien mas-Surgent Adrian u zammew maghhom lil Eusebio Busuttil peress li r-residenza hija tieghu. Spjega li fuq il-bank tal-kcina kien hemm tliet boroz bi trab kannella suspettata eroina, xi kantunieri, mgharrfa mahruqa bi tracci u fejn mejda kien hemm imqass u ghonq ta' pakkett bit-*tape* kannella li kien fih it-tracci wkoll. Jghid li fil-bitha mal-art kien hemm qisu xi trab kannella, qabzu cint u sabu *envelope* bit-*tape* kannella li kien fih trab kannella suspettat eroina u naqra trab mal-art hdejh u ftit boghod minnu kien hemm mizien ukoll.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2007, xehdet ukoll **WPC 237 Antonella Vella** (*a fol.* 188 *et seq.*) fejn qalet li fil-5 ta' Ottubru 2007 ghall-habta tas-1.30pm marru jezegixxu mandat fir-residenza St. Joseph, Triq Atocia, Hamrun fejn kien hemm Alan Brown, Eusebio Busuttil, Clare Borg u Ivan Bajada. Tghid li PC 213 u PC 1174 dahlu jaghmlu tfittxija fid-dar flimkien ma' Eusebio Busuttil. Tispjega li waqt li kienet qed issir din it-tfittxija, PC 213 hareg barra u ghaddielha *hand-bag* li kien ta' Clare Borg u qalilha biex izzomu f'idha peress li kien hemm fih ammont konsiderevoli ta' flus. Tghid li f'dan il-hin Clare Borg bdiet tghidilha kliem oxxen u bdiet tghajjat u taghmel l-istorbju wkoll. Tixhed: *"X'hin gejna biex nimmanettjawha,*

*irrezistiet l-arrest u daret lejn PC 213 u bezqitlu. Imbaghad x'hin gejna biex neskortawha lejn id-Depot, fit-triq bdiet tghajjat u tghid il-kliem oxxen. Ghajjret lill-Pulizija "pufti" u "lezbjani" u qalet ukoll "Jaqq" u li l-Pulizija huma kollha "sendikajri". Imbaghad x'hin konna d-Depot kompliet tghid il-kliem oxxen u kien hemm is-Sur Portelli, Spettur tas-CID u qalilha biex tieqaf u qaltlu "tindahalx" u daret fuqi u bdiet tghajjarni "giddieba" u qaltli "nigi u nsibek barra""* (*a fol.* 188-189).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2007, xehed ukoll **Joseph Agius** (*a fol.* 190 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Managing Director* tal-kumpanija *Aquarius Rent-A-Car Limited*. Ikkonferma li fil-bidu ta' Ottubru kera vettura lil Ivan Bajada li jghid li huwa detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 381275(M)) fejn spjega li l-vettura kienet Jeep bin-numru ta' registrazzjoni AQK 007 li nkriet fit-3 ta' Ottubru 2007 fit-3.00pm. Jghid li l-vettura giet mikrija minn Jason Debono li jahdem mieghu. Ezebixxa r-*rental agreement* li gie ffirmat minn Ivan Bajada, liema ftehim gie mmarkat bhala Dok. "JA" (*a fol.* 193).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2007, xehed **Dr. Steven Farrugia Sacco** (*a fol.* 223 *et seq.*) fejn qal li b'Digriet tal-Qorti tal-24 ta' Ottubru 2007 gie nominat sabiex jezamina Dok. "IB 4" u cioé *mobile phone* Nokia mudell 2310 bil-linja Go. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "SFS" (*a fol.* 225 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2008, xehed **PS 46 Charlot Casha** (*a fol.* 281C *et seq.*) fejn spjega li gie nominat fl-Inkjesta mmexxija mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Giovanni Grixti. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "CA" (*a fol.* 267 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2008, xehed ukoll **Dr. Joseph Mifsud** (*a fol.* 281E *et seq.*) fejn spjega li nghata l-inkarigu mill-Magistrat Dr. Silvio Meli biex jaghmel ricerka u inventarju ta' l-assi kollha mobbli u immobbli li jappartjenu lill-imputati. Ezebixxa dan fir-rigward taz-zewg imputati, li gew immarkati bhala Dok. "JM" (*Envelope Loose*) u Dok. "JM 1" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2008, xehed **Andrew Vaswani** (*a fol.* 330 *et seq.*) fejn ikkonferma li fl-4 ta' Ottubru 2007 kien hallas is-

somma ta' mitejn u seba' mitt Lira Maltin (Lm2700) lil Ronald Bajada ghall-vjagg li kien mar flimkien ma' martu (mart Vaswani).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2010, xehed id-**Deputat Registratur Brian Guillaumier** (*a fol.* 558) fejn ezebixxa sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sharon Tanti) vs. Clare Borg** (*a fol.* 562 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2010, xehed **Jason Debono** (*a fol.* 559 *et seq.*) fejn spjega li huwa jahdem ma' *Aquarius Rent-A-Car*. Meta gie mitlub jikkonferma jekk hu kriex vettura lill-imputat Ivan Bajada f'Ottubru 2007, huwa wiegeb fl-affermattiv. Jghid li l-vettura kellha n-numru ta' registrazzjoni AQK 007.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2014, xehed **l-imputat Ivan Bajada** minn jeddu u b'mod volontarju [quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta] (*a fol.* 616 *et seq.*) fejn spjega li fis-sena 2007 kien jahdem bhala *reservation and ticketing clerk* go *Travel Agency* ta' missieru fejn jghid li kellu salarju ta' Lm380 fix-xahar. Jghid li l-flus li nstabu fuqu dakinhar tal-akkadut kien tahomlu missieru biex jiddepozitahom il-Bank of Valletta kif kien solitament jaghmel. Mistoqsi jghid x'ammonti kellu fuqu, wiegeb li *"kien two six, two seven proprja Maltin"* (*a fol.* 617) li l-klijent Andrew Vazwani kien hallas lill-kumpanija. Jghid li *"two seven tad-daddy u kelli xi haga minn tieghi wkoll"* (*a fol.* 617). Mistoqsi jghid kemm kienu tieghu, jghid madwar Lm370.00 li gew mill-paga tieghu. Jghid li kellhom vettura tal-kiri peress li l-vettura tal-kumpanija kienet bil-hsara u l-vettura tieghu personali giet skrapjatha madwar gimghatejn qabel. Jispjega li kien jaf lil Alan Brown u lil Eusebio Busuttil kien jafu biss *by sight* u li qatt ma kien kellmu u li Brown kien ikun fil-kumpanija ta' Busuttil. Jghid li l-vettura kienet Maruti Jeep bla saqaf u li meta thares gewwa tara kollox. Jghid li dakinhar li marru Paceville ghall-Hamrun, il-hgieg tal-vettura kien imnizzel u fuq quddiem kienu hu u l-imputata u fuq wara kien hemm Brown u Busuttil (li kien fil-kumpanija ta' Brown). Jixhed: *"Il-lejl ta' qabel kont rajt lis-Sur Alan Brown fejn il-gabbana tal-Hamrun u jien kont waqaft nixtri x'niekol minn fejn il-gabbana tal-Hamrun u kif rani qed nipparkja u ra li kelli Jeep qalli: "Ma taghmillix pjacir hu? Kif ghandek Jeep tirmunkali l-karrozza?" u*

*ftehmt mieghu ghall-ghada fil-ghodu jiena"* (*a fol.* 620). Jghid li meta Brown qallu hekk, Brown kien fil-prezenza ta' Busuttil u li Busuttil kien qed jisma' u li hu (Bajada) qatt ma kellmu. Jghid li l-imputata kellha *handbag*, hu ma kellux affarijiet u ma jafx jekk l-ohrajn kellhomx affarijiet. Jixhed li dak iz-zmien kien f'relazzjoni mal-imputata. Ghad-domanda: *"Minn dak li stajt tara int, stajt tara jekk xi hadd kellu xi affarijiet, barra l-handbag tas-sinjorina, kien hemm xi hadd li kellu?"* (*a fol.* 621), wiegeb: *"Stajt nara imma ma tajtx kaz dak il-hin jekk kellhomx xi haga fuqhom"* (*a fol.* 621). Jghid li qabel marru l-Hamrun, waqfu l-Belt Valletta u li l-vettura ma lahqux irmunkawha peress li kienu tkellmu hu (Bajada) u Brown, u Busuttil qalilhom biex imorru d-dar tieghu biex hu (Bajada) jixtri droga minn ghandu (minn ghand Busuttil). Jichad dak li qal Eusebio Busuttil meta xehed li marru d-dar tieghu biex hu (Bajada) jaghmillu pakkett, li ma kienx lest, u li l-pakkett kien jiswa Lm10.00. Jghid li Eusebio Busuttil gideb peress li, kif qal qabel, il-lejl ta' qabel Alan Brown ried li hu (Bajada) jirmunkalu l-vettura. Jghid li ma kien vera xejn li hu ma kellu xejn lest kif qal Eusebio Busuttil u li hu (Bajada) kien mar joqghod go flat li kellu serratura wahda normali go liema l-Pulizija ghamlu tfittxija u ma nstab xejn. Jghid: *"X"inhu l-punt li nghidlu "Ejja Paceville" jekk jien m'ghandi xejn lest, kont naqbad immur lejn id-dar tieghu, m'ghandhiex ghalfejn lilu bhala bodyguard biex immorru d-dar tieghu"* (*a fol.* 623). Jghid li l-affarijiet li nstabu kienu ta' Eusebio Busuttil. Jghid li fil-vettura ma kellu xejn. Mistoqsi jghid jekk meta Eusebio Busuttil rikeb maghhom kellux ghodda, wiegeb: *"Le dak il-hin le, meta morna d-dar kellu imma"* (*a fol.* 623). Jghid li l-imqass, il-boroz u l-mizien li nstabu kienu kollha fid-dar ta' Eusebio Busuttil u li hu (Bajada) ma telaq b'xejn fuqu. Jghid li Busuttil hareg il-mizien mill-*cupboard* tal-kcina u li hu (Bajada) qatt ma wzah u qatt ma messu. Jghid li l-post ta' Eusebio Busuttil kellu erba' serraturi u stanga tal-hadid. Mistoqsi jghid min ipprepara l-pakketti li sabu l-Pulizija, jghid: *"Hu kellu lesti u kien qed jipprepara f'dak il-hin ukoll"* (*a fol.* 624). Mistoqsi wkoll min sbarazza l-mejda tal-kcina fejn kien hemm l-affarijiet, wiegeb li hu ma kien sbarazza xejn, la l-mizien u xejn aktar u li ma tax kaz min sbarrazha. Jghid li ftit wara oht Busuttil infurmat lil Busuttil mil-*letterbox* li kien hemm il-Pulizija.

Jghid li ma jafx x'kien jaghmel Eusebio Busuttil u li, sa fejn hu (Bajada), Busuttil kien jirregistra. Jghid li qatt ma qalilhom li kellu xi xoghol iehor. Jixhed li hu kien jaf lil Alan Brown u ghad-domanda kemm kienu ilu jaf lil Busuttil, wiegeb li mil-lejl ta' qabel meta ltaqghu hu (Bajada) u Alan Brown il-Hamrun meta hu (Bajada) waqaf biex jixtri x'jiekol u hemm kien hemm Busuttil u Brown. Jichad dak li qal Busuttil u cioé li hu (Bajada) ta n-numru tat-telefon tieghu lil Busuttil u li Busuttil cempillu. Jghid li Busuttil qatt ma cempillu lilu u li qatt ma kien hemm xi telefonati bejniethom. Jichad li saret id-diskursata li Busuttil jghid li saret u cioé li hu ried jixtri l-eroina u li hu (Bajada) qallu li hu ghandu tant li jghid li hu (Bajada) qatt ma kellem lil Busuttil. Mistoqsi dwar il-mizien u l-borza tat-trab kannella li l-Pulizija sabu fuq il-bejt li jmiss mal-bitha ta' Eusebio Busuttil, jghid li l-mizien huwa l-istess wiehed li Busuttil hareg mill-*cupboard* tal-kcina u l-borza jew boroz kienu dawk li Busuttil kien qed juza. Jghid li hu (Bajada) fl-ebda hin ma mess il-mizien tant li anqas *fingerprints* ma nstabu fuqu. Jghid li hu vittma tad-droga u li hu dejjem xtara d-droga u li qatt ma ttraffikaha. Jichad dak li qal Eusebio Busuttil u cioé li l-affarijiet li nstabu ghandu kienu tieghu (ta' Bajada). Jispjega li madwar gimgha qabel l-imputata u hu marru t-Turkija u meta waslu lura Malta, minkejja li saru xi tfittxijiet fuqhom u li hu ta l-kunsens tieghu biex jaghmlulu l-*x-rays*, ma nstab xejn fuqhom. Jichad li qatt biegh xi droga lil Brown u fir-rigward tal-fatt li Busuttil jghid li l-imputata harget b'borza biex titraffikaha, jghid li hu ma taha xejn lill-imputata pero' jghid li baghatha ggib ic-cavetta minn gol-vettura. Jghid li l-imputata Borg harget bil-mixi u li ma kellha xejn fuqha jew f'idejha u li x'hin giet lura, taghtu c-cavetta u li ma tatu l-ebda flus jew borza.

Mistoqsi jghid x'diskors sar meta marru d-dar ta' Busuttil, jghid li ma tantx sar diskors u li kien aktar mohhu biex jinqeda u jiehu. Jghid li minn Paceville sal-Hamrun ma kien hemm l-ebda diskors bejnu u Busuttil. Ma jiftakarx jekk kienx hemm diskors bejnu (Bajada) u Brown. Jghid li l-imputata ma ghamlet l-ebda diskors maghhom it-tnejn. Jghid li ma kien hemm l-ebda diskors fuq drogi. Mistoqsi jghid min kien mar l-i*studio flat* tieghu gewwa Paceville, wiegeb li kien mar Alan Brown li dahal gewwa u li Busuttil baqa' barra. Jghid li fl-ebda hin ma hajjar lil Busuttil biex jixtri. Mistoqsi

jghid kif sar jaf li Busuttil seta' jaqdih, wiegeb: *"Kif qed nghid, dahal Alan fl-istudio apartment u x'hin tlaqna flimkien jiena, Clare u Alan konna qed nitkellmu, hu kien ma' genbna u qalilna: "Jiena nista' nirrangalkom. Ejjew id-dar tieghi" u morna d-dar tieghu"* (*a fol.* 629). Jghid li Busuttil kien talbu Lm375 u li ma kienx ghadu hallsu u li dawn huma dawk il-flus li kellu fil-but meta marru l-Pulizija u haduhomlu. Jghid li meta ghamlu tfittxija fl-*istudio flat* tieghu (tal-imputat), il-Pulizija ma sabu xejn. Jghid li l-imputata u hu kienu jmorru d-Detox Centre kuljum biex jiehdu l-mistura u mistoqsi jghid jekk hemm gie li ltaqghux ma' Busuttil, wiegeb li lil Busuttil gie li rah by *sight* pero' ma jafx jekk hux id-Detox Centre, izda jghid li hu u l-imputata qatt ma kellmu lil Busuttil.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid minn fejn sa fejn kellu jirmonka l-vettura ta' Alan Brown, wiegeb: *"minn fejn kienet waqfet ghal ghand il-mekkanik"* (*a fol.* 631). Jghid: *"Il-post fejn kienet u fejn ha nehodha kien qalli pero' ma niftakarx, issa ghaddew seba' (7) snin"* (*a fol.* 631). Jghid li spiccaw marru ghand Eusebio Busuttil sabiex Busuttil ikun jista' ibieghlu d-droga. Wara li rega' gie mistoqsi jghid minn fejn kien ser jirmonka l-vettura u fejn kien se jehodha, issa wiegeb li l-post kien l-Msida peress li l-vettura kienet waqfet hemm pero' l-post tal-mekkanik u x'jismu l-mekkanik ma jiftakarhomx. Mistoqsi jispjega kif inhi d-dar ta' Eusebio Busuttil, jghid li din hija dar b'madwar hames kmamar. Jghid li kienet l-ewwel darba li mar ghand Eusebio Busuttil. Jghid li hu (Bajada) dahal fil-kcina u mistoqsi jghid jekk qaghadx josserva li kien hemm erbat ikmamar, wiegeb: *"ghandek kamra kif tidhol, il-kamra tas-sodda magenbha, kamra tal-kcina u l-kamra tal-banju ezatt kollha bla bibien"* (*a fol.* 633). Jghid li l-kcina mhix kbira partikolari pero' jghid li hija wahda komda u li fiha joqghodu hames minn nies. Jixhed li hija gidba dak li qed qal Eusebio Busuttil li hu (Busuttil) kien xtara droga minn ghandu (minn ghand Bajada). Jghid li fuqu gol-but kellu Lm370 tal-paga u Lm2630 li kienu tax-xoghol u li dawn gew ghandu l-gurnata ta' qabel filghodu biex jiddepozitahom. Jghid li l-ufficcju taghhom kien fejn hemm il-Burger King, gie moghti l-flus fl-4 ta' Ottubru 2007 ghall-habta tal-10.00am-11.00am u li l-Bank of Valletta kien sa nofsinhar, kellu qadjiet ohra u ma ddepozitahomx dakinhar ukoll minhabba li kien inghata Lm2700, ha Lm70 minnhom, allura ma setghax

jiddepozitahom peress li missieru kien ha jinduna li kien hemm xi haga nieqsa. Jghid li kienet xi haga normali li jiddepozita l-flus hu. Jixhed li ilu bil-vizzju tad-droga mis-sena 1993-1994. Jghid li ghamel program, attenda s-Seqda u mar id-Detox. Spjega li meta gie nvestigat fis-sena 2007 kellu l-*habit* u kuljum kien juza pakkett ta' Lm20.00 u li gie li qabez xi granet meta kien jiehu l-mistura.

In <u>ri-ezami</u> jghid li baqa' jiftakar il-post ta' Eusebio Busuttil peress li dak li gara baqa' f'mohhu u jishet il-mument li dahal fih. Pero' jghid ukoll li ma jiftakarx id-dettal zghir minn fejn kien ha jigbed il-vettura ta' Alan Brown u x'jismu l-mekkanik ghax kienu ghaddew seba' snin.

Difiza: *"dan Eusebio jghid li kull pakkett kien ibieghu jew xtrah ghaxar (10) liri, int ghaliex kont tixtrih ghoxrin (20)?"*.
Xhud: *"dak iz-zmien kienet skarsa, kienet bl-ghoxrin (20)"* (*a fol.* 637).

Mistoqsi jghid kemm kien jikkonsma pakketti fil-gimgha, wiegeb li kien jikkonsma madwar hames pakketti ta' Lm20.00 fil-gimgha. Jghid li l-paga tieghu kienet isservih bl-ezatt. Mistoqsi jghid x'kien jaghmel meta l-paga ma kinitx isservih, jghid li fil-fatt kien ha Lm70 mill-flus ta' missieru u b'hekk ma marx jiddepozitahom u *"kont qed nara kif ha nerga', x'ha nghidlu, ghalfejn hadthom"* (*a fol.* 638). Jikkalkula li kien jonfoq Lm400 fix-xahar fid-droga u mistoqsi jghid kif kien igib il-kumplament peress li bhala paga kellu Lm370-Lm380, wiegeb: *"Gie li tajt xi haga nieqsa lil dak qed tifhem u gie li tani xi haga zejda d-daddy"* (*a fol.* 638). Jghid li llum ghandu 39 sena u li beda jahdem meta kellu madwar 17 il-sena.

**L-imputat Ivan Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 [quddiem din il-Qorti kif preseduta] (*a fol.* 679 *et seq.*) fejn ikkonferma dak kollu li kien xehed quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. Jghid li kellu salarju ta' madwar Lm380-Lm420 u kien jiehu madwar erba' darbiet droga fil-gimgha, kull darba jonfoq Lm20.00 u b'hekk kien jonfoq mat-Lm320.00 fix-xahar. Jghid li introjtu iehor barra l-paga ma kellux u li gie li kienet taghtih xi haga t-tfajla tieghu u gie li ommu. Jichad dak li qal Eusebio

Busuttil u cioé li certu Brown kien xtara minn ghandu (minn ghand Ivan Bajada) anzi jghid li dakinhar hu (Bajada) kien xtara minn ghand Busuttil. Jichad ukoll li dakinhar tal-akkadut hu (Bajada) kien rema' xi haga kif qal Busuttil peress li ma kien hemm xejn tieghu (ta' Bajada). Jghid li l-affarijiet li nstabu fuq il-mejda fid-dar ta' Eusebio Busuttil kienu tieghu (ta' Busuttil). Jghid li hija wkoll gidba meta Eusebio Busuttil qal li hu (Busuttil) u Brown xtraw minn ghandu (minn Bajada). Jghid li ma kellu l-ebda hbiberija ma' Busuttil.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2014, xehed ukoll **Ronald Bajada** (*a fol.* 640 *et seq.*) fejn spjega li huwa *travel agent* tal-Air India u li ibnu l-imputat kien jahdem mieghu. Jixhed li l-imputat kien *reservations and ticketing clerk* u li kien jaghmel dak li kien necessarju ghax-xoghol taghhom, fosthom li jibghatu xi *outstandings* u kazijiet fejn kien jaghtih flus biex jiddepozita. Meta saritlu riferenza ghal Ottubru 2007 fir-rigward ta' certu Andrew Vaswani, jghid li dan kien mar California u Nevada u li hu (Ronald Bajada) kien ha hsieb it-titjiriet u l-akkomodazzjoni u li Vaswani kien tah Lm2700 li jghid tahom lill-imputat biex jiddepozitahom il-Bank of Valletta. Jghid li din ma kinitx l-ewwel darba li kien ta flus lill-imputat biex jiddepozitahom. Jghid: *"Kellu gurnata shiha biex jiddepozitahom ghax jien tajthomlu filghaxija, jigifieri hu kellu jiddepozitahom"* (*a fol.* 642). Jghid li lill-imputat kien jaghtih salarju ta' madwar Lm400.00.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li jaf li l-imputat kellu l-*habit* tad-droga. Mistoqsi jghid jekk qattx sab affarijiet neqsin mill-ufficcju jew mid-dar minhabba l-*habit* li kellu ibnu, wiegeb fin-negativ. Mistoqsi jghid jekk kienx komdu jafda lill-imputat bil-flus tan-negozju biex jiddepozitahom, wiegeb: *"Kont with a question mark, imma trid tafdah ma jistax ikun ma tafdahx hu"* (*a fol.* 643).

| | |
|---|---|
| Xhud: | *"Jiena sa fejn niftakar kien il-gurnata ta' qabel li tajthomlu".* |
| Prosekuzzjoni: | *"Kienet il-gurnata ta' qabel pero' hu qed jghid li tajthomlu f'xi l-hdax (11:00) ta' filghodu".* |
| Xhud: | *"Ma nafx le kieku fil-hdax (11:00) ta' filghodu kieku ddepozitajthom jiena"* (*a fol.* 643). |

Mistoqsi jghid ghala ma setghax jiddepozita l-flus hu (Ronald Bajada) l-ghada, wiegeb li meta jkollok ix-xoghol ma huwiex possibbli tahli hin il-bank. Mistoqsi jghid jekk l-imputat qattx talbu xi haga izjed mill-paga, wiegeb fl-affermattiv u jghid li din grat diversi drabi.

**Ronald Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2018 (*a fol.* 717 *et seq.*) [a skans ta' ripetizzjoni mhux ser jinghad hawn dak li diga nghad qabel] fejn spjega li bhala salarju ibnu l-imputat kellu Lm4160. Jghid li lill-ibnu kien ihallsu *cash* u li huwa kellu wkoll *allowance* ghall-*petrol* ta' Lm10.00 kull xahar u li fil-*birthday* u fil-Milied hu u martu kienu jaghtuh xi flus.

In kontro-ezami, mitlub mill-Prosekuzzjoni, ezebixxa stqarrija ta' Ivan Bajada li giet immarkata bhala Dok. "RB 1" (*a fol.* 725 *et seq.*) u kif ukoll *ledger* tal-kumpanija li gie mmarkat bhala Dok. "RB 2" (*a fol.* 727). Jghid li dakinhar tal-akkadut l-imputat kellu jmur il-bank u wara kellu jibqa' sejjer l-ufficcju.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016, xehed **Alan Brown** (*a fol.* 682 *et seq.*) fejn spjega li kien iltaqa' mal-imputat biex jirmunkalu l-vettura ghax kienet inqasmitu c-cavetta fl-*ignition*. Jiftakar li Busuttil kien qallu li l-imputati kienu joqghodu go lukanda u kien qallu (lil Brown) li kellu bzonn ikellimhom u qallu biex jurih (lil Brown) fejn u ma riedx jitla' fil-lukanda. Mistoqsi jghid ghala kienu marru l-Hamrun ghand Busuttil, wiegeb: *"Ghal habel pero' mbaghad lili qalli "tista' toqghod naqra f'dik il-kamra ghax ghandi bzonn inkellem lil Ivan?""* (*a fol.* 682). Mistoqsi jghid x'ghandu xi jghid dwar il-fatt li Busuttil qal li hu (Brown) kien xtara droga minn ghand l-imputat, wiegeb li dan mhux veru u wiegeb li hu ma ra l-ebda droga. Jichad li hu (Brown) kien xtara droga minn ghand l-imputat. Meta nghad lilu li Busuttil qal li hu kien xtara droga minn ghand l-imputat u mistoqsi jghid jekk hu rax xi haga tigri, wiegeb: *"Ma nistax nghid la li xtara Ivan u lanqas li xtara Eusebio. Lili qalli biex immur f'kamra ghax ghandu bzonn ikellem lil Ivan"* (*a fol.* 683). Jghid li hu qatt ma xtara droga minn ghand l-imputat.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, xehdet **l-imputata Clare Borg** minn jeddha u b'mod volontarju (*a fol.* 689 *et seq.*) fejn qalet li l-gurnata ta' qabel l-akkadut hi u l-imputat (li aktar tard tghid li kienu f'relazzjoni ghal snin kbar u li dejjem ghexu flimkien) marru jixtru l-Hamrun u raw lil Alan Brown li staqsiehom jekk setghux jirmunkawlu l-vettura peress li kienet waqfitlu u peress li huma kellhom Jeep mikrija (li wara tghid li ma kellha l-ebda tinda). Tghid li qalulu li setgha jmur l-ghada u qalulu fejn kellu jmur. Tispjega li dakinhar tal-akkadut hi u l-imputat kienu reqdin go appartament u mar ihabbat Brown, hargu mill-appartament u barra kien hemm Eusebio Busuttil li tghid li tafu *by sight* u li ma kienux jafu li kien sejjer ma' Brown. Tghid li qabdu mexjin lejn il-Jeep u Brown u l-imputat bdew jitkellmu kemm kienet gholja l-eroina dak iz-zmien u qabez Busuttil u qalilhom li jekk riedu seta' jirrangalhom b'irhas u b'hekk kellhom skop li jixtru d-droga minn ghandu. Tixhed li l-Jeep saqha l-imputat u hi kienet magenbu u li wara kien hemm Brown u Busuttil u li minn Paceville marru l-Belt Valletta peress li fil-*handbag* taghha kellhom il-flus tal-kumpanija ta' missier l-imputat (li wara tghid li kien hemm Lm2600-Lm2700) li riedu jiddepozitawhom u meta marret il-bank u rat li kien ippakkjat, regghet telghet fil-Jeep u marru l-Hamrun. Tghid li l-bieb tad-dar fethu Eusebio Busuttil b'cavetta li kellu u li minn gewwa ghalaq b'hafna. Tiddeskrivi d-dar ta' Busuttil bhala post zghir u hekk kif tidhol, timxi ftit u tidhol fil-kcina u b'hekk huma dahlu fil-kcina, poggew madwar il-mejda, u Busuttil hareg il-mizien minn *cupboard*. Tghid li l-imputat ftakar li kien halla c-cwievet fil-Jeep u peress li l-Jeep hija miftuha qalilha biex tmur iggibhom, hi harget u regghet dahlet u madwar hames minuti wara xi hadd fetah il-*letter box* u ghajjat: *"Hawn dawk wara l-bieb Sebio"* (*a fol.* 695). Tixhed li Busuttil qabad l-affarijiet minn fuq il-mejda u qalilhom biex imorru wara l-bieb ta' barra li l-Pulizija ma setghux jifthu peress li kellu stanga u *baseball bat* u *"ma nafx kemm il-lock"* (*a fol.* 695). Tghid li wara skopriet li kienet oht Busuttil li bdiet tghajjat. Tghid li meta Busuttil fetah il-bieb, dahlu l-Pulizija u filwaqt li hargu l-barra lilha, lill-imputat u lil Brown, xi Pulizija baqghu gewwa ma' Busuttil. Tghid li sakemm dahlu l-Pulizija kienu ilhom madwar ghoxrin minuta mindu dahlu fid-dar ta' Busuttil. Tispjega li meta Busuttil sema' li kienu gejjin il-Pulizija *"iggennen"* (*a fol.* 696) u tghid: *"beda jaqbad l-affarijiet minn fuq il-mejda, qalilna biex*

*immorru fil-kamra l-ohra fil-kamra ta' barra vol diri fejn il-bieb ta' barra biex ma nifthux u minn hemm gew ma stajtx nara ezatt x'kien qed jaghmel fil-kcina"* (*a fol.* 696). Tghid li Busuttil kien diga lehaq beda jizen l-eroina meta dahlu l-Pulizija u mistoqsija tghid ta' min kienet id-droga li nstabet mill-Pulizija, wiegbet: *"Ta' Eusebio. Hu harigha"* (*a fol.* 697). Tixhed li l-mizien inhareg mill-*cupboard* u li d-droga ma tafx jekk kinitx ma' Busuttil jew le pero' tghid li poggieha fuq il-mejda mal-mizien. Tghid li Busuttil ipprova jbiegh id-droga lil Brown u lill-imputat u mistoqsija tghid kemm kien ser ibieghilhom tghid li ma tiftakarx ezatt pero' tahseb li nofs il-prezz ghax tiftakar li kienet *worth it,* altrimenti ma kienux imorru hemm.

Tghid li hi ma kellha l-ebda ftehim ma' Eusebio Busuttil pero' l-ftehim kien biss ma' Alan Brown biex jigbdulu l-vettura. Tghid li ma kien hemm l-ebda ftehim fuq xi droga. Mistoqsija tghid ta' min kienet l-eroina li sabet il-Pulizija wiegbet li, sa fejn taf hi, kienet ta' Eusebio Busuttil u li d-dar fejn instabet kienet tieghu. Tghid li d-dar ta' Busuttil tinsab fil-Hamrun u li tahseb li l-affarijiet relatati mad-droga jew eroina nstabu fuq il-mejda tal-kcina tieghu. Tghid li ma kellha xejn fil-*handbag* taghha li seta' kien relatat mal-affarijiet li nstabu. Tispjega li meta dahlu l-Pulizija fid-dar ta' Busuttil, hi, l-imputat u Brown gew mahruga l-barra u hi kellha l-*handbag* gewwa u meta dan inhareg, Pulizija ragel qal lill-Pulizija mara biex ma titilqux minn taht ghajnejha peress li kien hemm ammont kbir ta' flus u meta hi staqsietu jekk fittix fil-*handbag* minghajr ma kien hemm hi prezenti, wegibha fin-negattiv. Tghid li dan ma setghax ikun minnu ghax il-flus kienu f'*envelope* go borza fil-qiegh u li minkejja li l-Pulizija baqa' jichad, *"wara ikkummentajt maghhom u argumentjana kollha maghhom u haduna d-Depot"* (*a fol.* 691).

Tghid li ma nstab xejn minn tfittxija li saret fuqha u li fil-*handbag* ma kienx hemm affarijiet relatati mad-droga. Fir-rigward tal-argument li kellha mal-Pulizija li kellha fuq dan il-*handbag*, tixhed: *"ma nafx ezatt x'ghidt jien, ilu hafna, imma argument, argument hux, jaqbizlek naqra dak kienet"* (*a fol.* 702). Tghid li ma kien hemm l-ebda aggressjoni fizika pero' kien hemm biss ghajjat.

Tghid li hija kienet *drug addict* u mistoqsija tghid kif kienet tmantni lilha nnifisha, tghid li kellhom il-paga tal-imputat u gie li ghinuhom il-genituri tal-imputat u taghha, u kien hemm ukoll ir-*relief*. Tghid li llum hija *clean* mid-droga. Tichad li kienet qed tittraffika d-droga u tichad ukoll li f'xi hin kellha l-eroina fil-pussess taghha. Tghid li ma kienet ser tbiegh xejn ghax ma kellha l-ebda droga.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li, sa fejn taf hi, kien fil-gurnata ta' qabel l-akkadut li missier l-imputat ghadda l-flus biex jigu depozitati l-bank. Tghid li dakinhar li gew mghoddija l-flus ma lahqux marru l-bank peress li ma lahqux. Mistoqsija tghid x'ghandha xi tghid dwar dak li xehed Eusebio Busuttil, tghid li dak li qal huwa kollu gideb meta pprova jwahhal fihom. Tghid li l-vettura ta' Brown kienet il-Hamrun pero' ma tafx ezatt fejn u tghid ukoll li kellhom jehduha ghand il-mekkanik pero' ma tafx ghand liema wiehed. Mistoqsija tghid fejn kien joqghod Brown tghid li, sa fejn taf hi, kien joqghod il-Gzira pero' tghid li m'hijiex certa. Mistoqsija tghid ghala Brown qaghad imur fejn joqghodu huma u mhux ma qabdux u marru huma hdejn Brown hdejn il-vettura, wiegbet: *"Ghax gie jqajjimna. Ghidnilu biex jigi jqajjimna"* (*a fol.* 705). Mistoqsija tghid ghala Brown ha lil Busuttil mieghu tghid li ma ghandhiex idea ghalfejn. Mistoqsija xi tghid ghal dak li qal Busuttil meta qal li kellu jmur sabiex jinqeda ghall-eroina, wiegbet li mhux veru ghax kieku kien jidhol hu ghandhom u mhux imorru huma ghandu l-Hamrun. Tichad li l-pjan taghhom kien li hi u l-imputat kellhom imorru bid-droga fuqhom fir-residenza ta' Busuttil sabiex jaqduhom l-eroina. Tichad ukoll li meta kienu fir-residenza ta' Busuttil f'xi hin rat lil Busuttil jabbuza mid-droga. Tghid li Busuttil beda jizen id-droga u tispecifika li f'hin minnhom hi harget mill-*flat*. Mistoqsija tghid kemm il-Pulizija sabu droga fir-residenza ta' Busuttil wiegbet li ma ghandhiex idea. Taf li kien hemm id-droga fir-residenza ta' Busuttil pero' ma tafx kemm kien l-ammont. Ghad-domanda: *"Allura x'sens taghmel illi jmur jiftah il-bieb meta jaf li ghandu l-klijenti tieghu gewwa bid-droga gol-flat?"* (*a fol.* 707), wiegbet: *"Heqq ma taghmilx sens li jiftah lanqas li kieku mhux tieghu, ahseb u ara"* (*a fol.* 707). Tichad li l-flus li kellha fil-*handbag* kienu gejjin mit-traffikar tad-droga. Mistoqsija tghid minn fejn gew il-flus li kellu fuqu l-imputat, wiegbet: *"Dawk taghna li tibghat ommi jew kienet il-paga tieghu, ma nafx ezatt ezatt imma*

*naf li kellna xi haga taghna tal-flus"* (*a fol.* 708). Ma tafx kemm kellu ezatt flus fuqu l-imputat, pero' tghid li kellu madwar Lm200-Lm300. Tichad li f'xi hin hija messet il-mizien u affarijiet ohra. Tghid li kien Busuttil li kien qed jizen l-eroina. F'dan l-istadju qalet li waqt li kienu sejrin lejn il-Jeep u kienu ghadhom Paceville, Busuttil qalilhom li f'kaz li kienu ser jixtru certu ammont kien ser jaghtihilhom nofs prezz. Tghid li hija ma tatx spjegazzjoni lill-Pulizija peress li ma kinitx f'sikitha u peress li kienet *"very sick"* (*a fol.* 710). Ikkonfermat li kellha argument mal-Pulizija. Mistoqsija tghid jekk b'konsegwenza tal-argument li kellha mal-Pulizija hija rrezistietx l-arrest tal-Pulizija, wiegbet: *"No mhux irrezistejt, irrabjajt ghax ma kellux jfittex fil-handbag minghajr…"* (*a fol.* 711). Tghid li nsiet ezatt x'qal l-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri u tghid ukoll: *"jien li naf li meta nirrabja, bhal kulhadd, tghid hafna affarijiet. Kont irrabjata fuq il-handbag, fl-ebda hin ma semmew drogi. Jien ghalhekk bqajt nahseb li qed iressquni b'urgenza minhabba l-glied li kellna"* (*a fol.* 711). Tichad li Busuttil u Brown kienu ghamlu kuntatt mal-imputat u tichad ukoll li dawn it-tnejn marru wara l-*flat* fejn kienu joqghodu hi u l-imputat u li l-pjan kien li jmorru ghand Busuttil, u jaghtu lil Busuttil u lil Brown skond kemm riedu eroina biex ikunu jistghu jinqdew dak il-hin. Meta nghad lilha li Busuttil qal li meta kienu fir-residenza tieghu, huwa sema' telefonata li saret lill-imputat fejn xi hadd talbu d-droga u hi harget dak il-hin mir-residenza taghtihom qartas u li b'hekk ma kienx veru li harget minhabba c-cwievet tal-Jeep, l-imputata tinnega dan kollu.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet

dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fil-5 ta' Ottubru 2007 il-Pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza ta' certu Eusebio Busuttil fil-Hamrun f'liema hin kien hemm iz-zewg imputati, u kif ukoll Eusebio Busuttil u certu Alan Brown. Ghandu jinghad li l-vettura li kienet giet mikrija liz-zewg imputati kienet gie innutata aktar kmieni fl-

inhawi ta' Paceville minn Pulizija u aktar tard fl-imsemmija vettura dehru n-nies li kien hemm fil-fond meta saret it-tfittxija msemmija. In segwitu tat-tfittxija msemmija li saret giet misjuba d-droga. Filwaqt li z-zewg imputati jaghtu verzjoni simili ghal ta' xulxin rigward ta' min kienet din id-droga, Eusebio Busuttil jaghti verzjoni differenti. Da parte tieghu, Alan Brown jichad li hu kien xtara droga minn ghand l-imputat Bajada, u dana ghall-kuntrarju ta' dak li kien qal Eusebio Busuttil.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront taz-zewg imputati, fejn iz-zewg imputati gew akkuzati bis-segwenti: b'assocjazzjoni, bi traffikar ta' droga eroina, b'pussess aggravat tad-droga eroina, u b'li huma recidivi *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Da parte taghha, l-imputata giet akkuzata wkoll li ngurjat jew heddet Pulizija. Filwaqt li l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghal dak li jirrizulta fl-atti processwali, fis-sottomissjonijiet orali taghha bil-fomm (*a fol.* 731 *et seq.*), id-difiza tishaq ghala l-imputati m'ghandhomx jigu misjuba hatja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputati, il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li taghmel riferenza ghal dak mitlub mid-difiza fis-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 731 *et seq.*) fejn intalab li l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati ghandhom jigu skartati ghar-ragunijiet msemmija fl-istess sottomissjonijiet.

Illi l-Qorti tinnota li ser jigu skartati l-istqarrijiet (Dok. "CB" – *a fol.* 60 u Dok. "IB" – *a fol* 61 *et seq.*) rilaxxati mill-imputati fis-6 ta' Ottubru 2007 u dana *stante* li dawn l-istqarrijiet ittiehdu fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija u dana in vista tal-gurisprudenza kopjuza ricenti, b'mod partikolari dik moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta** u, fost l-ohrajn, dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**.

Riferenza ghandha ssir ukoll ghal dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella**, f'liema kawza l-Qorti Kostituzzjonali trattat il-kwistjoni meta l-imputat kien inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt pero' l-imputat ma kellux avukat prezenti mieghu waqt it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni.

Kif nghad hawn fuq, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati miz-zewg imputati *stante* li dawn ma jistghux jigu meqjusa bhala prova ammissibbli. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkunu ghamlu l-imputati minghajr ma jkunu gew moghtija d-dritt imsemmi hawn fuq, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkunu ghamlu lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika ghal tali stqarrija wkoll. Ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta wkoll bhala inammissibbli x-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarrew l-imputati waqt l-investigazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-Prosekuzzjoni tibbaza l-kaz taghha, fost l-ohrajn, fuq dak li nghad minn Eusebio Busuttil meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu (Dok. "NC 1" – *a fol.* 49 *et seq.*), il-kontenut ta' liema stqarrija gie kkonfermat bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Giovanni Grixti (*a fol.* 43 *et seq.*). Eventwalment Busuttil xehed quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fejn huwa bazikament ikkonferma dak li kien nghad minnu meta rrilaxxa l-istqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Dr. Giovanni Grixti.

Illi l-Qorti tinnota li fi kwistjonijiet bhal dawk li jemergu f'dawn il-proceduri dejjem se ssib verzjonijiet kunfliggenti u dak li jkun jaghmel minn kollox sabiex inehhi d-dell minn fuqu u, jista' jaghti l-kaz, jitfa' d-dubju fuq il-parti li tkun qed takkuzah.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata mill-banda l-wahda lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni *ossia* Eusebio Busuttil, li huwa kategoriku meta jghid li d-droga misjuba fir-residenza tieghu ma kinitx tieghu, u mill-banda l-ohra li ghandha tinghata lill-imputati, li jghidu mod iehor.

Illi l-Qorti hija konxja tal-fatt li skond l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li mhux kull kunflitt fil-provi bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. *Di fatti*, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**, moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz: […]".

Illi skond l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li min ghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kapitolu 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem Magistrat, tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni (Assocjazzjoni)</u>:**

Illi Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Kull min:

[...]

(f) jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni,

ikun hati ta' reat kontra din l-Ordinanza".

Illi Artikolu 22(1A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"L-assocjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu precedenti tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et** deciza fis-6 ta' Marzu 2003, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

*"As pointed out by appellants, the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice". [...]*

*This Court believes that the position at law was in fact misstated by the First Court, as although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.*

*Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment*

*in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement".*

Illi fid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb**, il-Qorti qalet hekk:

"Issa skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kap. 101 dejjem gew ritenuti li huma erbgha u senjatament: 1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta, 3. sabiex tigi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratuwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li d-droga

*tkun effettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed".*

Illi jkun ukoll opportun li l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Lewis Marsden** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 2009 fejn nghad is-segwenti:

*"Furthermore, as **Timothy Jones** and **Michael Christie** point out in the second edition of **Criminal Law**[1]**:***

*"Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose.*

*Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in* **H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney** *(1968):*

*"You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting."*

*The evidence derived from such decisional process will not always be as unambiguous as the example in the previous paragraph. An individual who may appear at an early stage of the 'conspiracy' to be involved might not be firmly committed. This problem is raised in a crucial form by the absence of any*

[1] Greens Concise Scots Law (Edinburgh), 1996, page 140, paras. 7-46 to 7-48.

*requirement of proximity such as is to be found in the law of attempt.*

*The cynical view of proof in conspiracy cases would be that the apparent difficulty in proving the agreement is to the advantage of the prosecutor. There is the danger that in stressing to the jury that a conspiracy can be proved inferentially, the judge may neglect to emphasise the necessity of proof per se".*

Illi diga' nghad aktar il-fuq li l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghal dak li jirrizulta fl-atti processwali, liema atti jikkontjenu, fost l-ohrajn, id-depozizzjoni moghtija minn Eusebio Busuttil li kien irrilaxxa stqarrija guramentata u li kien ukoll xehed quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. *Da parte* taghha d-difiza tikkontendi li l-imputati ma ghandhom bl-ebda mod jinstabu hatja ta' din l-imputazzjoni, inkluz l-ohrajn, u dan ghar-ragunijiet elenkati b'mod dettaljat fis-sottomissjonijiet orali taghha.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Il-Pulizija kienet rceviet informazzjoni dwar iz-zewg imputati sa minn mindu huma rritornaw lura Malta mit-Turkija lejn l-ahhar ta' Settembru 2007.

- Meta dakinhar tal-5 ta' Ottubru 2007 saret tfittxija fir-residenza bin-numru 50, Triq Atocia, Hamrun, liema residenza hija ta' Eusebio Busuttil, f'liema hin kien hemm l-imsemmi Busuttil, iz-zewg imputati u kif ukoll Alan Brown, instabet id-droga (kemm fil-kcina u kif ukoll fuq bejt vicin ta' xi girien) u rrizulta li din kienet droga mid-depozizzjoni moghtija mix-Xjenzat Godwin Sammut u mir-rapport (Dok. "GS" – *a fol.* 69 *et seq.*) redatt minnu. Kien hemm ukoll *handbag* li fih instabet borza tal-karti, ammont kbir ta' flus u kif ukoll il-passaporti taz-zewg imputati.

- PC 1525 Patrick Farrugia li gie nkarigat bhala Espert fl-Inkjesta Magisterjali ghamel l-ezamijiet rikjesti ghall-impronti digitali, minn liema rrizulta li gew zviluppati impronti li ma kienux tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni.

- Eusebio Busuttil spjega quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta li hu u Alan Brown riedu jinqdew ghall-eroina minn ghand l-imputat u spjega li marru jiltaqghu mieghu gewwa Paceville. Spjega li minn hemm huma t-tnejn marru flimkien maz-zewg imputati fid-dar tieghu fil-Hamrun sabiex l-imputat ikun jista' jaghmlilhom il-pakkett ta' Lm10.00 peress li qallu li ma kellux pakketti lesti. Spjega x'gara fid-dar, fejn qal li Alan Brown inqeda mieghu (ma' Busuttil) b'Lm10.00 u fejn qal ukoll li hu (Busuttil) ma kellu x'jaqsam xejn mad-droga li nstabet. Ghandu jinghad ukoll li meta fil-5 ta' Ottubru 2007 Busuttil irrilaxxa stqarrija guramentata huwa qal l-istess haga u qal ukoll li l-imputat beda jizen id-droga fuq mizien elettroniku. Fl-istess stqarrija guramentata li giet ikkonfermata quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, meta Eusebio Busuttil gie mistoqsi jghid jekk Brown f'xi hin tkellimx fuq droga, wiegeb fl-affermattiv u jghid li ra lil Brown jinqeda minn ghand l-imputat u rah jaghtih (lill-imputat) Lm10.00 u rah jiehu doza li l-imputat ghamillu minn gewwa l-*envelope*. Fl-istess stqarrija guramentata, Busuttil qal li fil-hin li l-imputat kien qed jaqta' d-droga, cempel it-telefon tal-imputata, u l-imputata harget il-barra b'wahda mill-boroz iz-zghar li kien qed jaghmel l-imputat fuq il-mejda u wara xi hames minuti regghet marret lura minghajr il-borza li kienet harget biha.

- Alan Brown spjega li kien iltaqa' mal-imputat sabiex jirmunkalu l-vettura ghax kienet inqasmitlu c-cavetta fl-*ignition*. Xehed li Eusebio Busuttil qallu li kellu bzonn ikellem liz-zewg imputati u talab lil Brown jurih fejn seta' jsibhom. Skond Brown, hu flimkien mat-tlieta l-ohra marru l-Hamrun ghand Busuttil sabiex igibu habel biex ikun jista' jirmonka l-vettura tal-imputat, pero' xehed ukoll: *"pero' mbaghad lili qalli "tista' toqghod naqra f'dik il-kamra ghax ghandi bzonn inkellem lil Ivan?""* (*a fol.* 682). Jghid li mhux minnu dak li nghad lilu li qal Busuttil u cioé li huwa (Brown) kien xtara droga minn ghand l-imputat u jghid li hu ma ra l-ebda droga. Meta nghad lilu li Busuttil qal li hu kien xtara droga minn ghand l-imputat u mistoqsi jghid jekk hu rax xi haga jigri, wiegeb: *"Ma nistax nghid la li xtara Ivan u lanqas li xtara Eusebio. Lili qalli biex immur f'kamra ghax ghandu*

*bzonn ikellem lil Ivan"* (*a fol.* 683). Jghid li hu qatt ma xtara droga minn ghand l-imputat.

- Da parte tieghu, l-imputat Bajada spjega ghala dakinhar li gie arrestat instabu xi flus fuqu fejn qal li dawn gew moghtija lilu minn missieru (li ghandu agenzija tal-ivvjaggar u li mieghu jahdem l-imputat) biex jiddepozitahom il-Bank of Valletta. Spjega li l-hgieg tal-Jeep li kellu mikrija kellha l-hgieg mnizzel u li l-Jeep ma kienx wiehed mghotti. Spjega wkoll li meta l-lejl ta' qabel gie arrestat Alan Brown kien talbu sabiex jirmunkalu l-vettura peress li kellu Jeep u li ftehmu ghall-ghada, meta l-ghada mar Brown, mieghu kien hemm Busuttil li hu (l-imputat) qatt ma kien kellem u meta mistoqsi jghid kemm kienu ilu jaf lil Busuttil, wiegeb li mil-lejl ta' qabel meta ltaqghu hu (Bajada) u Brown il-Hamrun meta hu (Bajada) waqaf biex jixtri x'jiekol u hemm kien hemm Busuttil u Brown. Jghid li l-affarijiet li nstabu fid-dar ta' Eusebio Busuttil kienu ta' Busuttil u li fir-residenza tieghu (tal-imputat) kellu serratura wahda (bid-differenza ta' Eusebio Busuttil li kellu diversi firolli u *baseball bat*) fejn minn tfittxija li saret mill-Pulizija ma nstab xejn. Meta gie mistoqsi dwar il-mizien u l-borza tat-trab kannella li l-Pulizija sabu fuq il-bejt li jmiss mal-bitha ta' Busuttil, jghid li l-mizien huwa l-istess wiehed li Busuttil hareg mill-*cupboard* tal-kcina u l-borza jew boroz kienu li kellu hu (Busuttil) li kien qed juza. Jghid li hu (Bajada) fl-ebda hin ma mess il-mizien tant li anqas *fingerprints* ma nstabu fuqu. Filwaqt li jikkonferma li hu vittma tad-droga u jghid li hu dejjem xtara d-droga, jghid li qatt ma ttraffikaha. Jichad dak li qal Eusebio Busuttil u cioé li l-affarijiet li nstabu ghandu kienu tieghu (ta' Bajada). Jghid li mhux minnu li l-imputata kienet harget b'borza biex tittraffikaha kif inghad minn Eusebio Busuttil pero' jghid li baghatha ggib ic-cavetta minn gol-vettura u li meta l-imputata harget, hija ma kellha xejn fuqha jew f'idejha.

- Da parte taghha, l-imputata Clare Borg spjegat kif il-gurnata ta' qabel l-akkadut, hi u l-imputat marru jixtru l-Hamrun u raw lil Alan Brown u staqsiehom jekk setghux jirmunkawlu l-vettura peress li huma kellhom Jeep mikrija. Spjegat li meta l-ghada

mar Brown mieghu kien hemm Eusebio Busuttil li tghid li tafu *by sight* u li ma kienux jafu li kien sejjer ma' Brown. Spjegat li huma hu mexjin lejn il-Jeep, Brown u l-imputat bdew jitkellmu kemm kienet gholja l-eroina dak iz-zmien u qabez Busuttil u qalilhom li jekk riedu seta' jirrangalhom b'irhas hu u b'hekk kellhom skop li jixtru d-droga minn ghandu. Tghid ukoll li fil-*handbag* taghha kellha flus tal-kumpanija ta' missier l-imputat li riedu jiddepozitawhom il-bank. Spjegat x'gara meta waslu fir-residenza ta' Busuttil fejn qalet li l-bieb kellu aktar minn *lock* wiehed. Tixhed li d-droga li nstabet mill-Pulizija fir-residenza li kienu fiha kienet, sa fejn taf hi, ta' Eusebio Busuttil u li d-dar fejn instabet kienet tieghu. Tispjega li Busuttil ipprova jbiegh id-droga lil Brown u lill-imputat u tghid li ma tiftakarx ezatt kemm kien il-prezz pero' tahseb li kien nofs il-prezz ghax tiftakar li kienet *worth it*. Tikkonferma li hija kienet *drug addict* u tichad dak li qal Busuttil meta qal li hija harget mir-residenza tieghu taghti qartas.

- Ronald Bajada, missier l-imputat, spjega li huwa *travel agent* u li ibnu kien jahdem mieghu. Ikkonferma li kien ghadda s-somma ta' Lm2700 lil ibnu sabiex jiddepozitahom il-Bank of Valletta, liema somma kienet thallset minn klijent. Huwa konxju li ibnu kellu l-*habit* tad-droga.

- Andrew Vaswani kkonferma li fl-4 ta' Ottubru 2007 kien hallas is-somma ta' Lm2700 lil Ronald Bajada ghall-vjagg li kien mar flimkien ma' martu (mart Vaswani).

Illi l-Qorti tistaqsi: tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, tista' l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li dak li nghad minn Busuttil fil-konfront tal-imputati huwa effettivament minnu? Il-Qorti tistaqsi wkoll: mehud dak li nghad hawn fuq ghandha l-Qorti temmen dak kollu li nghad minn Busuttil, meta mill-bqija tal-atti processwali ma jirrizulta xejn aktar? Ir-risposta hija: <u>Le</u>! Dan qieghed jinghad b'mod specjali ghaliex, ghajr ghal dak li qal Busuttil, l-atti processwali ma jikkontjenu l-ebda prova ohra a favur it-tezi tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputati ghax, f'dak il-kaz, il-Qorti setghet tasal ghal konkluzjoni

diversa. Ma jirrizultax sodisfacentement pruvat dak li nghad minn Busuttil fil-konfront tal-imputati. Apparti dan u apparti dak li nghad miz-zewg imputati, Alan Brown jichad dak li qal Eusebio Busuttil fuqu u missier l-imputat Bajada kkonferma li l-flus kellhom jigu depozitati il-bank. Anke Vaswani nniffsu kkonferma li kien hallas ghall-vjagg tieghu. Il-Qorti mhijiex f'pozizzjoni tapplika l-insenjament fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** msemmija hawn fuq u l-Qorti mhijiex ser tistrieh fuq id-depozizzjoni ta' Busuttil kif *del resto* tista' taghmel.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tista' bl-mod issib liz-zewg imputati hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u b'hekk l-imputati ser jigu liberati mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Traffikar tad-Droga Eroina)</u>:**

Illi, minghajr mal-Qorti toqghod taghmel riferenza ghall-gurisprudenza fir-rigward tat-traffikar ghax ikun ezercizzju inutili u dana *stante* dak li nghad fil-konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni fir-rigward tad-depozizzjoni moghtija minn Eusebio Busuttil u tal-istqarrija guramentata rilaxxata minnu, liema konsiderazzjonijiet ghandhom japplikaw ukoll fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami, il-Qorti zzid tghid ukoll li ma jirrizulta xejn fl-atti processwali (ghajr dak li nghad minn Eusebio Busuttil) li minhabba tieghu tista' tinstab htija fiz-zewg imputati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghhom. Ghaldaqstant, isegwi li z-zewg imputati m'humiex ser jinstabu hatja tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u b'hekk ser jigu liberati minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Aggravat ta' Eroina)</u>**:

Illi ghall-istess raguni msemmija fil-konsiderazzjonijiet fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjonijiet, il-Qorti mhux ser taghmel l-ebda riferenza ghall-gurisprudenza fir-rigward ta' pussess aggravat. Ghall-istess ragunijiet msemmija hawn fuq fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni, il-Qorti mhux ser issib htija fl-imputati

fr-rigward tal-imputazzjoni in ezami u b'hekk il-Qorti ser tillibera lill-imputati mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom.

**<u>Ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ingurja u Theddid kontra l-Pulizija)</u>**
**<u>(Recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi filwaqt li hija biss l-imputata li fic-*charge sheet* giet akkuzata bir-raba' (4) imputazzjoni, huma z-zewg imputati li fl-istess *charge sheet* gew akkuzati bil-hames (5) imputazzjoni.

Illi ghandu jinghad li filwaqt l-Avukat Generali hareg il-Kontro-Ordni fir-rigward taz-zewg imputati *ai termini* ta' Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali ma ndikax l-Artikoli tal-Ligi emergenti minn Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bhala stat ta' fatt din il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju. Dan l-insenjament ghandu japplika fir-rigward tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni *stante* li ma gewx indikati l-artikoli tal-ligi minn liema jemergu u ghaldaqstant il-Qorti ser tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet in ezami.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti mhijiex konvinta li dak li Eusebio Busuttil isostni effettivament sehh u minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwar jekk il-verzjoni moghtija minn Busuttil

hijiex veritjiera u jekk dawk tal-imputati m'humiex, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. In segwitu ta' dan kollu, il-Qorti ser ikollha tiskarta dak li qal Eusebio Busuttil. Isegwi ghalhekk li l-imputati ma jistghu bl-ebda mod jinstabu hatja tal-ewwel tliet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet, il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputati huma hatja tal-imputazzjonijiet imsemmija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputati fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet u ghalhekk il-Qorti hija obbligata tillibera lill-istess imputati mill-imputazzjonijiet imsemmija. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni, ma ssibx lill-imputati Ivan Bajada u Clare Borg hatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u b'hekk tilliberahom minnhom.

Il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' sekwestru u spejjez relatati mal-hatra ta' esperti, liema talbiet saru fic-*charge sheet*, u dana *stante* li hadd mill-imputati ma gie misjub hati ta' dak addebitat lilu.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, peress illi l-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward ta' dak li xehed Eusebio Busuttil u li setgha rrenda lilu nnifsu hati ta' spergur fi proceduri kriminali, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet opportuni u fl-eventwalita' li jirrizultawlu provi sufficjenti jiehu dawk il-proceduri ulterjuri kontra Eusebio Busuttil li jkunu opportuni u tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**